MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 146/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Joseph Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Micallef talli fl-20 ta' Jannar 2005, ghall-habta tal-11.15 a. m. fi Triq il-Mosta, Attard, u f'dawn il – Gzejjer:

1) Saq vettura numru IBC-458 tal-ghamla Pontiac Transam minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda );

2) Saq l-imsemmija vettura numru IBC-458 minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3) Saq l-imsemmija vettura minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni;

4) Bl-imsemmija vettura numru IBC-458 ingumbra il-passagg liberu ghal traffiku iehor jew persuni ohra fit-triq;

5) Irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu meta kienu mitluba lilu minn ufficjali tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta, waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

6) Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u storbju;

7) Fil-pubbliku qal kliem oxxen jew kliem indecenti;

8) u/jew kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-konfront tal-ufficjali tal-Awtorita` tat-Trasport ta’ Malta;

9) Bhala l-persuna li ftiehem jew accetta li jixtri jew ibiegh l-imsemmija vettura numru IBC-458, naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta’ l-imsemmija vettura.

Il-Qorti giet mitluba li barra milli taghti l-piena stabbilita tordna lill-imsemmija persuna li tesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti ghaldaqshekk kif jigi stability mill-Qorti taht penali ta’ ammenda ta’ mhux aktar minn zewg liri kuljum fin-nuqqas, kif ukoll li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata minn kull licenzja tas-sewqan ghal perijodu li l-Qorti jidhrilha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Micallef hati fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' elf liri Maltin

(Lm1000) filwaqt li ma sabitux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joseph Micallefipprezentat fid-9 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha u tiddikjarah mhux hati mir-raba’ sad-disa’ imputazzjonijiet filwaqt li tirrevoka, thassar u tannulla l-parti li biha sabitu hati ta’ l-ewwel tliet imputazzjonijiet, tiddikjarah mhux hati taghhom u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena. U f’kaz illi din il-Qorti ma tilqax dan l-appell fil-meritu, hija giet mitluba sabiex timmodifika l-piena billi tnaqqasha u taghti ohra aktar addattata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti: (1) l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet ma setghux jirrizultaw peress illi l-vettura IBC-458 kienu tnehhewlha l-pjanci tan-numri tar-registrazzjoni peress illi kienet iggaraxxjata u setghet tinsaq bil-pjanca specjali tat-*trial run*; (2) it-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata peress illi kien hemm polza ta’ l-assigurazzjoni vigenti u l-ufficjali ta’ l-Awtorita` tat-Trasport stess iddikjaraw illi vettura koperta bil-pjanca tat-*trial run* bil-fors trid tkun assigurata.

Il-provi jistghu jigu riassunti hekk:

**E.O. 19 John Mifsud** xehed illi fl-20 ta’ Jannar 2005 kien ma’ zewg *enforcement officers* ohra fi Triq il-Mosta, Attard, meta raw Pontiac sewda minghajr *number plates*. Din kienet wieqfa u kien hemm maghha l-appellant li qallhom li kienet waqfitlu ghax inqasmitlu l-batterija. Baghtu ghall-Pulizija li, meta gew, l-appellant tah il-partikolaritajiet kollha mehtiega. Ix-xhud qal li l-appellant

ma kellu xejn fuqu, la licenzja, la assikurazzjoni u lanqas *plates*. Wara cempel lil xi hadd u giet tfajla li gabet *trial run plate*.

**P.S. 1122 Arthur Rizzo** xehed illi fl-20 ta’ Jannar 2005, fuq talba ta’ membri ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport, mar jassistihom go Mosta Road fejn sab lill-appellant u, wara li kienu kellmuh l-*enforcement officers* 19, 157 u 159, kellem lill-appellant u talbu l-partikolaritajiet. L-appellant tahomlu mbaghad bdew jiccekkjaw rigward il-karrozza. Ix-xhud ikkonferma li l-karrozza ma kellhiex *number plates* izda kellha licenzja mwahhla maghha ta’ vettura IBC-458 izda skaduta f’Settembru 2004. L-appellant qallu li kien *dealer* u li kellu *trial run number*. L-appellant ghamel kuntatt ma’ xi hadd tal-familja u fil-fatt gabulu *plate* fuq il-post. Ix-xhud sab li l-karrozza kienet registrata fuq certu Ronald Sammut u li l-assikurazzjoni kienet ukoll skadiet f’Settembru 2004.

**Chris Darmanin**, skrivan fid-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi, qal li fid-data ta’ l-incident il-vettura in kwistjoni kienet tghajjat lil certu Ronald Sammut. Mit-28 ta’ Settembru 2004 kienet iggaraxxjata u ghadha hekk; il-pjanci fil-fatt jinsabu ghand id-Direttorat. Ix-xhud ikkonferma li l-appellant bhala *dealer* ghandu *trial run number 25* u thallset fil-11 ta’ Jannar 2005 ghas-sena 2005. Id-*dealer* jinghata par *plates* li suppost iwahhal mal-karrozza (wahda quddiem u wahda wara) jekk tkun sejra tinsaq fit-triq.

**Paul Sciberras**, rapprezentant ta’ Gasan and Mamo Insurance, xehed illi l-vettura IBC-458 li kienet inharget fuq certu Ronald Sammut kienet assigurata mid-9 ta’ Dicembru 2003 sat-30 ta’ Settembru 2004 u ghalqet u ma regghetx iggeddedt.

**L-appellant** meta xehed ma cahadx li l-karrozza ma kellhiex *number plates* izda sostna li kellu *trial run plate* wahda fuq id-*dashboard* u li huwa impossibbli, meta gieli juza l-pjanca tliet darbiet kuljum, li, ghal ragunijiet prattici, iwahhalhom fuq kull karrozza.

Mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li l-vettura in kwistjoni li, fl-20 ta' Jannar 2005 kienet qed tinsaq mill-appellant, la kellha l-licenzja rinovata u lanqas ma kellha pjanci tan-numru tar-registrazzjoni mwahhlin. Ir-raguni kienet li din il-karrozza kienet ilha ggaraxxjata mit-28 ta' Settembru 2004. Huwa veru li l-appellant kellu *trial run plates* izda galadarba dawn ma kinux imwahhlin mal-karrozza, ghall-finijiet tar-Regolamenti dwar ir-registrazzjoni u l-licenzjar ta' vetturi bil-mutur (A.L. 476/2004), l-imsemmija karrozza kienet titqies bhala "vettura mhux registrata". Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettement sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, huwa minnu li l-assigurazzjoni fuq il-vettura kienet skadiet f'Settembru 2004, izda l-appellant isostni li l-assigurazzjoni li kellu bhala *dealer* li kienet tippermettilu jottjeni t-*trial run plate*, xorta kienet tkoprieh.

Issa, l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 jghid testwalment hekk:

**"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta` taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta` li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta` koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-kaz, <u>ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu</u>, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, <u>ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta` fuq imsemmija ...."</u>** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-subartikoli (2) u (3) imbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Scuderi** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Novembru 2005 intqal hekk dwar l-imsemmi artikolu:

"Illi minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta` ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikoli (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat."

Issa, mid-dokumenti esibiti mill-appellant jirrizulta li kien hemm polza ta' assikurazzjoni tal-Middlesea Insurance p.l.c. li tkopri vetturi li jkunu proprjeta` ta' Mario Micallef jew fil-kustodja jew kontroll tieghu ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Dicembru 2005 u dan ghall-fini ta' *trial runs* fil-kors tan-negozju ta' l-istess *dealer*, kif imsemmi fl-istess polza. Jirrizulta li Mario Micallef huwa hu l-appellant u partner tieghu fin-negozju gestit minnhom bhala *car-dealers*. Il-polza kellha l-premium imhallas fis-7 ta' Jannar 2005. L-appellant inoltre esebixxa dikjarazzjoni maghmula mic-Chairman tal-Melita Insurance Agency Limited fejn jinghad: *"According to current Insurance regulations the insurance of a Trial Run Plate covers the insured in respect of any vehicle involved in an accident, even if the Number Plates are not fixed at the time of the incident, being f course a short period"*. Ghalhekk jidher li *prima facie* fid-data ta' l-incident imsemmi fic-citazzjoni kien hemm polza vigenti.

Ma ngabet ebda prova mill-prosekuzzjoni li din il-kopertura li tidher li tezisti *prima facie* giet b'xi mod disdetta mill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni koncernata ghax tkun inkisret xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-polza. Konsegwentement l-appellant ma setax jinstab hati tat-

tieni imputazzjoni u ghalhekk l-aggravju tieghu f’dar-rigward qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ in parti l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u in kwantu ma sabitux hati tar-raba’, hames, sitt, seba’, tmin u disa’ imputazzjonijiet, u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elf liri Maltin (Lm1,000), u minflok tiddikjarah mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------